MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 766/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Francis sive Frans Grima sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Francis sive Frans Grima**

**Vs**

**Stephanius Marius sive Etienne Micallef Grimaud**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April 2004 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm184 (mija u erbgha u tmenin lira Maltin) rapprezentanti ta' danni kkagunati f'incident awtomobilistiku f'San Giljan.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira (Lm184.00) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-1 ta' Gunju, 2002, fi Triq il-Kbira, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru CBB 991 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru BAH 014 misjuqa minn Paul Grima u propjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht il-polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqsant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi disgha u sittin Lira (Lm69.00) bhala 'Loss of Use' sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici, Francis sive Frans Grima.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 2004, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mis-16 ta' Frar, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------